MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' 01 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 975/1995/1

**Saviour Scerri u Joseph Scerri**

**vs**

**Salvu u Emmanuele Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi sija l-atturi kemm il-konvenuti huma bdiewa u jahdmu r-raba' fl-inhawi tal-Wata u ta' Xtaghbi, fil-limiti ta' Had-Dingli maghrufa bhala San Pawl tal-Pitkali jew tal-Mnasab.

Illi l-konvenuti qeghdin itellghu l-ilma ghar-raba' taghhom bil-pompa u mhux bil-mithna tar-rih u b'dan il-mod ma huwa qed jibqa' l-ebda ilma ghall-uzu tar-raba' tal-atturi.

Illi l-konvenuti qeghdin jaghmlu dan bi ksur tal-permess lilhom moghti mill-awtoritajiet kompetenti, kopja ta' liema hija hawn esebita u mmarkata Dokument "A", li jikkontempla t-tlugh tal-ilma bil-mithna tar-rih biss, kif ukoll bi ksur ta-ftehim li kien hemm bejn l-antenati tal-partijiet, liema ftehim gie konstantement u rigorosament rispettat mill-bdiewa ta' dawk l-inhawi, hlief mill-konvenuti dan l-ahhar.

Illi b'dan il-mod l-atturi qieghdin isofru danni konsistenti fit-telf ta' ucuh tar-raba' minhabba nuqqas tal-ilma billi mhux jibqa' ilma ghar-raba' taghhom u ghalhekk mhux qed ikun possibbli li tahdem ir-raba'.

Illi ghalhekk l-atturi talbu li l-istess konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tikkundanna lill-konvenuti sabiex:-

(1) Jiddezistu milli jippumpjaw ilma hlief bil-mithna tar-rih u dan ad eccezzjoni tal-perjodu bejn il-15 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu.

(2) Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kawzati lill-atturi bit-tlugh abbusiv tal-ilma minnhom maghmul kif fuq inghad.

Salv il-likwidazzjoni tal-istess danni b'gudizzju separat.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 *et seq.* tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 10 tal-process fejn eccepew:-

(1) Illi preliminarjament jigi eccepit li l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li l-atturi m'ghandhomx interess guridiku.

(2) Illi bla pregudizzju ghal fuq espost jigi rilevat li fi kwalunkwe kaz huma l-Water Services Corporaton li

jistghu jmexxu l-azzjoni jekk jirrizulta li hemm ksur tal-permess.

(3) Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, jigi ecepit fil-meritu li l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li mhuwiex minnu li kien hemm ftehim bejn l-antenati tal-partijiet li l-ilma ghandu jittella' bil-mithna tar-rih biss.

(4) Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost jigi eccepit ulterjorment li kulhadd ghandu pompa u kulhadd juzaha.

(5) Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost jigi eccepit ulterjorment li l-konvenuti jahdmu r-raba' in kwistjoni *"full-time"* mentri l-atturi jahdmu r-raba' *"part-time"* biss.

(6) Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost jigi rilevat ghal kull buon fini li dak li qed jghidu l-atturi fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom mhuwiex minnu.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u l-elenku ta' xhieda taghhom a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-24 ta' Jannar 1996; tal-31 ta' Mejju 1996 fejn xehed l-attur liema xhieda tinsab a fol. 14 sa 16 tal-process.

Rat in-nota tal-atturi datata 14 ta' Awissu 1996 fejn l-atturi esebew l-affidavits taghhom a fol. 19 u 20 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 1996.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 13 ta' Novembru 1996 fejn huma esebew l-affidavits ta' Emmanuele Farrugia u Carmela Farrugia.

Rat in-nota tal-konvenuti tat-28 ta' Novembru 1996 fejn huma esebew l-affidavits ta' Saviour u Francis Farrugia.

Rat in-nota tal-konvenuti tat-2 ta' Dicembru 1996 li biha esebew l-affidavit ta' Kelina Farrugia.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar 1997.

Rat in-nota tal-konvenuti tad-19 ta' Frar 1997 li biha esebew l-affidavits ta' Salvu Micallef u Antonio Zahra.

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 ta' Marzu 1997 fejn Dr. Audrey Fino ghall-konvenuti ddikjarat illi l-konvenuti m'ghandhomx provi aktar; tat-23 ta' April 1997; tas-27 ta' Gunju 1997; tat-28 ta' Novembru 1997; tad-9 ta' Frar 1998; tas-7 ta' Ottubru 1998 fejn xehed Anglu Grech in rapprezentanza tal-Water Board; tal-20 ta' Jannar 1999; tal-31 ta' Mejju 1999; tat-3 ta' Novembru 1999; tal-11 ta' Frar 2000; tas-27 ta' Marzu 2000; tad-29 ta' Mejju 2000 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif attwalment kostitwita, inkluzi dawk tal-24 ta' Ottubru 2000; tat-8 ta' Frar 2001 fejn xehdu Mario Scerri u Salvu Scerri. Dr. Refalo ghall-atturi ddikjara li m'ghandux provi aktar; tad-29 ta' Marzu 2001; tas-6 ta' Gunju 2001 fejn xehdu Saviour u Emmanuel Farrugia in kontro-ezami u fejn d-difensuri talbu li jinhatar Imhallef Supplenti biex jisma' zewg xhieda. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-Imhallef Supplenti li jmissu t-turn.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati li biha nforma lill-Qorti illi l-Imhallef Supplenti li jmissu t-turn kien l-Avukat Dottor Louis Vella.

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' Ottubru 2001; tas-7 ta' Novembru 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2002 bil-fakolta lill-partijiet li jipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet; tal-21 ta' Marzu 2002 u tad-29 ta' Mejju 2002 fejn il-Qorti ddikjarat li kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza u ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-1 ta' Ottubru 2002;

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi datata 7 ta' Dicembru 2001, u n-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti datata 5 ta' Frar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### (A) <u>L-AZZJONI ODJERNA.</u>

Illi l-partijiet fil-kawza odjerna huma bdiewa. L-atturi qed isostnu li l-konvenuti qeghdin itellghu l-ilma ghar-raba' taghhom bil-pompa u mhux bil-mithna tar-rih u b'dan il-mod mhux qed jibqa' l-ebda ilma ghall-uzu tar-raba' tal-atturi. Huma qed isostnu wkoll li dan kollu qed isir bi ksur tal-permess lilhom moghti mill-awtoritajiet kompetenti li jikkontempla t-tlugh ta' l-ilma bil-mithna tar-rih biss; qed isostnu wkoll li dan qed isir bi ksur tal-ftehim li kien hemm bejn l-antenati tal-partijiet, liema ftehim gie kostantement u rigorosament rispettat mill-bdiewa ta' dawk l-inhawi, hlief kif inghad mill-konvenuti.

Illi ghalhekk l-atturi pprocedew bl-azzjoni odjerna peress illi allegatament qed isofru danni konsistenti fit-telf ta' ucuh tar-raba' minhabba n-nuqqas ta' l-ilma billi mhux qed jibqa' ilma ghar-raba' taghhom u b'hekk mhux qed ikun possibbli li jahdmu r-raba' u konsegwentement qed jitolbu lil din il-Qorti biex twaqqaf lill-konvenuti minn dan l-agir u ssibhom responsabbli ghad-danni kawzati lilhom.

Illi l-konvenuti min-naha taghhom eccepew li preliminarjament l-atturi m'ghandhomx interess guridiku fil-kawza; li fi kwalunkwe kaz huwa l-Water Services Corporation li setghu jmexxu l-azzjoni jekk jirrizulta ksur ta' permess. Apparti dan fil-mertu huma eccepew li mhux minnu li kien hemm xi ftehim bejn l-antenati tal-partijiet li l-ilma ghandu jittella' bil-mithna tar-rih biss. Sostnew ukoll, li minghajr pregudizzju ghal dak minnhom eccepit, li kulhadd ghandu pompa u kulhadd juzaha. *Inoltre* allegaw li huma jahdmu r-raba' in kwistjoni *"full-time"* mentri l-atturi

jahdmuha biss *“part-time”.* Fl-ahharnett qal li dak li jghidu l-atturi fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom mhux minnu.

**(B) <u>PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi **Saviour Scerri** kkonferma d-dikjarazzjoni guramentata. Huwa spjega li f’dan ir-raba’ hemm zewgt imtiehen, wahda qeghda fil-bicca taghhom u l-ohra fil-bicca tal-konvenuti. Dan ir-raba’ ilu f’idejhom madwar 50 sena ghaliex kien ukoll f’idejn missieru u missier l-attur l-iehor sakemm spiccaw f’idejhom. Qabel missirijiethom ir-raba’ kien ghand in-nannu u ghand iz-zijiet. Huwa xehed li qabel ma nghata l-permess mill-*Water Board* kemm huma kif ukoll il-konvenuti kienu jtellghu l-ilma bil-mithna biss. Pero’ l-atturi dejjem kellhom il-permess biex ikunu jistghu jtellghu l-ilma bil-mutur. Qal ukoll illi l-ilma l-ewwel ighaddi mir-raba’ tal-konvenuti, imbaghad jasal fir-raba’ tal-atturi, liema ilma jkun gej minn taht il-blat u jissejjah *daghbin*. Xehed ukoll illi fil-permess li nghatalhom mill-*Water Board* m’hemm l-ebda restrizzjoni meta juzaw l-mutur jew pompa li ghandhom. Anki l-konvenuti ottenew permess biex itellghu l-ilma bil-pompi, izda skond ma jirrizulta minn ittra tal-*Water Board,* dan biss limitatament ghall-perjodu bejn il-15 ta’ Jannar u l-15 ta’ Marzu ta’ kull sena. Izda skond l-istess attur il-konvenuti mhux qed josservaw tali kundizzjoni.

Illi sussegwentement huwa kompla jzid ma’ din ix-xhieda b’affidavit. Huwa spjega li pprezenta c-citazzjoni odjerna fit-18 ta’ Lulju 1995. Huwa semma li fit-22 ta’ Awissu 1995 ra lill-konvenuti jtellghu l-ilma mhux bil-mithna imma permezz ta’ xi pompa mekkanika. L-istess fis-7 ta’ Settembru 1995. Dakinhar ma kienx wahdu imma kien hemm ukoll kuginuh Carmelo Scerri u hatnu Emmanuel Vella. Imbaghad fid-19 ta’ Ottubru 1995 rega’ ttawwal u nduna li baqghu dejjem jippumpjaw l-ilma bil-pompa mekkanika u anke bil-mithna dak iz-zmien. L-attur Saviour Scerri sostna li fis-sajf 1995 kien giehom ftit ilma u dan *stante* li l-konvenuti kienu qed juzaw l-ilma kollu huma u jtellghuh bil-pompa mekkanika. Huwa kompla jghid li wara c-citazzjoni l-konvenut ghamel *hosepipe* mal-

kanna ta’ l-ilma biex ma jarawx l-ilma niezel pero’ kien jittendi ghax il-*hosepipe* kien jibda jiccaqlaq bil-pressa tal-ilma u jibda jispara qiesu serp. Huwa qal li ma jiehdux ilma minhabba l-konvenuti u wkoll peress li l-ilma gej minn fuq in-nofsinhar ta’ Malta u b’hekk il-konvenuti jigu qabilhom. *Inoltre* xehed li biex jasal l-ilma fuqhom wara li tintefa l-pompa mekkanika jiehu mill-anqas tnax (12) sa ghoxrin (20) siegha skond is-sahha tal-migra tal-ilma.

Illi fit-8 ta’ Frar 2001 huwa xehed *viva voce* quddiem il-Qorti u qal li fis-sajf ta’ qabel qatt ma ra l-mithna tal-konvenuti tahdem u ma rahiex tahdem minn mindu nqalghet il-kwistjoni. Huwa qal li xi naqra ilma jkun hemm imma fis-sajf gieli jkunu xotti.

Illi xehed ukoll **Mario Scerri** hu Salvu Scerri. Huwa spjega li l-ilma gej wied wiehed u huma jigu warajhom peress li qeghdin aktar ‘l isfel. Qal li qabel kienu jerfghu bil-mithna u x’hin kienet tahdem ma kienx ikollhom u x’hin tieqaf kien ikollhom ftit ilma u kienu jirrangaw. Illi issa pero’ bil-pompa li ghamlu jkollhom ftit. Din saret l-ewwel darba fl-1987 u huwa pprova jirranga s-sitwazzjoni billi mar jirrapporta u ma gara xejn. Imbaghad il-kwistjoni spiccat quddiem il-*Board* u rcieva ittra datata 29 ta’ Novembru 1989 fejn gie nfurmat li fil-laqgha tal-*Water Board* gie deciz li Salvu Farrugia jista’ juza’ l-mithna s-sena kollha u fil-fatt din il-mithna giet zarmata w armata u llum qeghda armata u ma tahdimx. Huma ghadhom itellghu bil-pompa.

Illi ‘n kontro-ezami qal li huwa kien qed jiehu hsieb l-affarijiet ta’ missieru u huwa dahhlu f’wahda minnhom. Hemm diversi ghelieqi ta’ haddiehor u hemm mithna aktar il-fuq. Huwa qabel ukoll illi qabel ma jaslu ghandhom l-ilmijiet tax-xita jghaddu mill-artijiet ta’ diversi nies ohrajn. Il-konvenuti min-naha taghhom iridu jiehdu minghand min qieghed aktar fl-gholi minnhom. Xehed ukoll li hemm haddiehor li ghandu l-ispieri hemm barra Farrugia, anzi Had-Dingli huwa mimli. Ma kienx jaf jekk hemmx haddiehor bil-pompi, pero’ jahseb li hemm min ghandu. *Inoltre* qal li meta saret il-pompa mertu tal-kawza odjerna affettwathom.

Illi **Joseph Scerri** xehed li kien innota l-ilma jfawwar fil-giebja tal-konvenuti minghajr ma kien rih u cjoe' mtella' b'mezz mekkaniku u dan fid-19 ta' Lulju 1995 u fit-22 ta' Awissu 1995. Huwa qal li fis-sajf 1995 ilma ftit li xejn mar fl-ghelieqi taghhom u dan allegatament minhabba li l-konvenuti kienu jtellghu l-ilma b'mezz mekkaniku. Huwa u Salvu Scerri m'ghamlu xejn dwar it-tlugh ta' l-ilma imma hallew pompi u apparat kollu li sabu minn zmien missirijiethom. Dan l-ilma jigi ppumpjat ghal go hawt u minn hemm jinqasam ghal bejn zewg familji. Ghal din il-pompa ghandhom permess datat 5 ta' Gunju 1989. B'din tal-5 ta' Gunju 1989 twahhlet fuq l-istess *pipe* li kien hemm minflok il-pompa il-qadima u dan skond il-permess.

Illi **Emmanuele Farrugia**, il-konvenut, xehed li missieru Karmnu Farrugia kien haffer l-ispiera fl-eghlieqi taghhom meta huwa kellu erba' (4) snin, cjoe' *circa* fl-1932. Hu qal li meta l-awturi tal-atturi ndunaw li missieri kien sab l-ilma ppruvaw ihaffru mill-ghelieqi taghhom u ghaddew b'mina gol-ghelieqi ta' haddiehor b'mod li kellhom jinzlu got-tafal biex l-ilma jigi jaqleb gol-ispiera taghhom. Il-prattika kienet li kulhadd kien juza' l-ispiera tieghu u jiehu l-ilma li jsib. Hemm hafna qabilhom u dawn jiehdu l-ilma qabilhom u kollha juzaw il-pompa.

Illi huwa xehed li hu u l-konvenut l-iehor ghandhom giebja kull wiehed pero' jtellghu l-ilma mill-istess spiera u l-ilma jinqasam. Sostna li qatt ma kien hemm ftehim bejn missirijet il-partijiet li l-konvenuti kellhom itellghu l-ilma bil-mithna. Xehed ukoll li huwa, Salvu u Frans, iben l-istess xhud, jahdmu r-raba' *full-time*. Huma u l-awturi taghhom ilhom itellghu l-ilma mill-ispiera *circa* hamsa u sittin sena (65). Huwa qal li kulhadd juza' l-pompi nkluzi l-atturi b'dan li l-atturi jahdmu l-ghalqa taghhom *part-time* biss. Huwa qal ukoll li fil-25 ta' April 1978 il-*Water Board* tahom permess biex itellghu l-ilma bil-pompa minghajr ebda limitazzjonijiet. Qal ukoll li jekk ma jtellghax ilma bil-pompa tal-elettriku mill-ispiera l-ilma mahzun minnhom jintilef. Il-mithna tar-rih tinsab f'qaghda kritika u m'ghadhiex f'pozizzjoni li taqdi l-esigenzi ta' llum.

Illi 'n kontro-ezami xehed li huma jigu qabel l-atturi. Isaqqu l-eghlieqi mill-ilma li kien baqa' s-sena l-ohra, liema ilma jinsab fil-giebja. Huwa qal li qatt ma jkun jaf x'inhu jigri ghax qatt ma jkun hemm.

Illi **Carmela Farrugia**, mart Emmanuele Farrugia, xehdet li hi tahdem u tghin fl-ghalqa ta' zewgha. Hija kkonfermat dak kollu li qal huwa. Qalet li biex jiehdu l-ilma l-atturi haffru taht l-eghlieqi ta' haddiehor peress li l-ispiera taghhom qeghda 'l fuq hafna.

Illi **Saviour Farrugia** xehed li jaf li missirijietu u nannietu ilhom juzaw l-eghlieqi in kwistjoni minn zmien twil ilu. Missier zijuh kien haffer l-ispiera ghall-uzu taghhom u mhux biex juzawha l-atturi jew l-awturi taghhom. Huwa u zijuh Emmanuel Farrugia ghandhom giebja kull wiehed u jtellghu l-ilma mill-istess spiera u m'ghandhomx x'jaqsmu ma' l-atturi. Huma jahdmu r-raba *"full-time"* mentri l-atturi jahdmuha *"part-time"*. Qal ukoll li l-atturi ghandhom spiera ghalihom u l-konvenuti ghandhom ohra ghalihom. Hemm hafna bdiewa qabilhom li kollha ghandhom l-ispejjer taghhom. Zied li huma qed juzaw il-pompa fix-xahrejn biss skond il-permess. Fl-ahharnett sostna li qatt ma kien hemm ftehim bejn missirijiet il-konvenuti u l-atturi sabiex itellghu l-ilma bil-mithna tar-rih biss liema mithna hija antika u mfarrka u dalwaqt tispicca.

Illi 'n kontro-ezami xehed li huma jigu qabel l-atturi ghall-migra ta' l-ilma. Huma qed juzaw l-ilma li baqghalhom mill-hazna ghax ghandhom giebja kbira li tigi fuq tomna. Itellghu l-ilma mill-ispiera skond il-permess. Il-mithna ma tantx tintuza' ghax mhux fi stat tajjeb. Ilhom itellghu fiz-zmien stipulat tax-xahrejn minn mindu nqalghet il-kwistjoni.

Illi **Francis Farrugia**, hu l-konvenut Saviour Farrugia, xehed li l-ispiera tal-konvenuti kienet dejjem hemm. L-atturi u l-awturi taghhom kellhom spiera wkoll. In-nixxiegha tal-ilma tal-ispiera tal-konvenut m'ghandhiex x'taqsam man-nixxiegha tal-ispiera ta' Scerri. Ftehim mal-awturi tal-atturi dwar tlugh tal-ilma qatt ma kien hemm.

Qal ukoll li jaf li l-atturi jtellghu l-ilma bil-mithna, b'mutur tal-pitrolju u wkoll b'mutur tad-dawl.

Illi fil-kontro-ezami xehed li hu ma jaf bl-ebda ftehim bejn il-partijiet f'din il-kawza dwar kif u meta ghandu jittella' l-ilma. Huwa ma jaf bl-ebda direttiva mill-*Water Bord* dwar din il-kwistjoni. Hu qal li m'ghandux x'jaqsam mal-eghlieqi ta' hutu. Dak li xehed fl-affidavit dwar in-nixxijiet jafu ghax trabba hemm u milli kienu jghidu missirijiethom u n-nannu. Ilu mill-1978 ma jkollu x'jaqsam ma' dawn l-eghlieqi. B'hekk peress li ilu ma jersaq 'l hemm zmien ma jafx kif qed jittella' l-ilma. Dak li semma' fl-affidavit kien dwar dak li kienu kellmuh Mario Scerri u Carmelo kuginuh xi tmien snin qabel.

Illi **Kelina Farrugia**, hija omm il-konvenut Saviour Farrugia, u xehdet li fis-snin kollha taz-zwieg qatt ma kellhom x'jaqsmu mal-atturi. Ftehim dwar tlugh ta' ilma mal-atturi qatt ma kellhom. It-tifel u l-konvenut kabbru l-hazna tal-ilma billi ghamlu giebja ohra. L-ilma tan-nixxiegha tal-atturi baqa' f'taghhom.

Illi mistoqsija 'n kontro-ezami qalet li ma taf bl-ebda ftehim dwar kif u meta jista' jittella' l-ilma mill-ispejjer. Hi ma taf bl-ebda spezzjoni tal-Enemalta. Hija xehdet li l-bicca l-kbira tkun l-Ingilterra ghand binha u meta tkun Malta m'ghandhiex x'taqsam mar-raba'. B'hekk dwar il-migra tal-ilma ma tista' tghid xejn.

Illi **Antonio Zahra** xehed li huwa kien jirranga l-imtiehen tar-rih u kemm-il darba rranga l-imtiehen tar-rih tal-partijiet fil-kawza. L-ewwel li haffru l-ispiera u bnew il-mithna tar-rih u bnew il-giebja biex itellghu l-ilma kienu l-konvenuti Farrugia. Kien hafna wara li l-awturi tal-atturi haffru ghall-ilma. L-ilma ta' Farrugia qieghed aktar fl-gholi u ta' Scerri qieghed fil-baxx. Sa fejn jaf hu qatt ma kien hemm ftehim bejn il-bdiewa biex il-konvenuti jtellghu bil-mithna tar-rih biss u l-atturi jtellghu bil-pompa. Huwa qal li fil-mithna tar-rih ma ttellghax ilma daqs kemm illum ittella' bil-pompa u l-atturi qed itellghu ferm izjed ilma meta jkollhom. Qal ukoll li ftit wara li ghamlu l-mithna l-atturi bdew itellghu bil-mutur u bil-pompa. Xehed li l-konvenuti ma jistghux

jiehdu ilma mill-ispiera tal-atturi ghax ma jinfdux u m'hemmx mina bejniethom kif ukoll il-konvenuti qeghdin aktar gholi mill-atturi. Qal li l-atturi ghandhom mina taghhom apparti u l-konvenuti ma jistghux jehdulhom ilma. Fuq ir-rih tal-konvenuti kull bidwi ghamel il-pompa. Qal li l-mithna tal-konvenuti hija mkabra hafna u ma baqghalhiex aktar zmien x'tahdem u ma baqax *spare parts* ghaliha. Din il-mithna l-konvenuti ghamluha qabel tal-atturi u l-atturi diga' qalghuha u zarmawha kollha.

Illi mistoqsi 'n kontro-ezami qal li meta nqala' l-inkwiet bejn il-kontendenti kien gia rtira u ma kienx aktar jiehu hsieb l-imtiehen taghhom. Huwa ma kien jaf xejn dwar l-ittra mibghuta mill-*Water Works Departiment* lil Pawlu Scerri. Huwa ma jaf bl-ebda ftehim bejn il-kontendenti dwar kif u meta ghandu jittella' l-ilma. Il-mithna ta' Farrugia saret zgur hafna qabel il-Gwerra l-Kbira u ta' Scerri saret xi ghaxar snin wara. Ta' Scerri ghamlu l-pompa *(working head)* wara li ghamlu l-mithna. Sa meta rtira ta' Farrugia kienu ghadhom ma ghamlux pompa *"submersible"*, imma wara sena li rtira huma xtraw wahda minghandhom.

Illi **Salvu Micallef** xehed li ghandu ghalqa li tmiss mal-ghalqa tal-konvenut. Huwa jiftakar li missieru haffer mina fl-ispiera ta' Scerri biex dawn isibu l-ilma.

Illi xehed ukoll **Anglu Grech,** rapprezentant tal-Water *Board* li hu *Operations Manager mal-Water Services Corporation.* Qal illi fit-3 ta' Awissu 1995 kienet saret spezzjoni fuq spiera li ghandha n-numru 1069 fil-limiti ta' Had-Dingli. Din l-ispezzjoni kienet ordnata minn ufficjal tal-*Water Services Corporation* li ghandu x'jaqsam mal-*Water Board*. Huma kellhom jivverifikaw jekk kienx hemm pompa ta' l-ilma go l-ispiera. Din l-ispezzjoni saret minnu u minn zewg ufficjali ohra tal-*Water Services Corporation*.

Illi fil-fatt irrizultalhom illi ma kienx hemm pompa mwahhla fl-ispiera pero' sabu pompa go *pump room* vicin l-ispiera u din kienet mizmuma hemm. Din il-pompa kienet tidher uzata. L-ispezzjoni saret ghall-gharrieda. Din l-ispiera kienet indikata fuq *survey sheet* li kienet fil-*file* relattiv.

Huma mxew fuq rapport li kien sar illi xi hadd kien qieghed itella' l-ilma minn dina l-ispiera permezz tal-pompa. Din il-*pump room* kienet vicin hafna ta' l-ispiera – ma kienitx aktar boghod minn ghaxar piedi. Billi huma ma sabux il-pompa fl-ispiera nizzlu fil-*file* relattiv illi ma kienux sabu l-pompa f'din l-ispiera.

Illi 'n kontro-ezami qal illi fil-*file* relattiv huma kellhom min kien is-sid ta' l-ispiera in kwistjoni. Din l-ispiera mhiex imniffda ma' xi spiera ohra. Din il-pompa in kwistjoni kienet tat-tip *"submersible"* w allura inti tkun taf jekk intuzatx fl-ispiera jekk tmur fuq l-ispiera u tara xi *pipes* li normalment ikunu tal-lastiku u li allura jkunu jidhru ghax permezz ta' dawn il-*pipes* l-ilma jittella' mill-ispiera. Fuq domanda tal-Qorti qal illi meta raw din il-pompa fil-*pump room* missewha b'idejhom u kkonstataw illi ma kellha l-ebda ilma maghha. Fil-*pump room* kien hemm xi pajpijiet tal-lastiku nservjenti ghall-istess pompa. Jahseb illi kienu saru *inspections* ohra fuq din l-ispiera pero' ma seta' jghid xejn dwarhom ghax ma kienx parti min-nies illi kienu marru fuq l-*inspections.*

**(C) <u>L-EWWEL ECCEZZJONI.</u>**

Illi l-konvenuti eccepew preliminarjament in-nuqqas ta' nteress guridiku da parti ta' l-atturi u bhala konsegwenza ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fis-sentenza **"Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et"** (A.C. (JSP) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet:-

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilita' finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita esistenza o violazione del diritto'. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista' tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' l-awtorita' gudizzjarja".*

*"Illi kif gie ritenut fis-sentenza ta' dina l-Qorti fil-15 ta' Lulju 1952 (Vol.36. ii. 493), fl-ismijiet **"Edgar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et"** li:-*

*"Citazzjoni tista' ssir biex tinghata semplici dikjarazzjoni, u ma hemmx bzonn bilfors li tintalab dejjem kundanna … biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata e inammissibile'.*

Illi hekk ukoll fis-sentenza **"Alexander Eminyan vs John Mousu' pro et noe et"** (A.C. 28 ta' Frar 1997 - Vol. LXX1. ii.429) l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom l-atturi jsostnu li qed jagixxu (i) kemm abbazi tal-ftehim li kien hemm bejn il-bdiewa ta' dawk l-inhawi kif ukoll inforza tal- *"permess"* jew *"arrangament"* milhuq bl-intervent tal-*Water Services Corporation*; kif ukoll (ii) fuq in-necessita' li ghandhom tal-ilma ghall-eghlieqi taghhom.

Illi rigward il-ftehim li allegatament kien jezisti bejn il-partijiet u l-awturi taghhom inghatat verzjoni kompletament kontradittorja mill-partijiet. Filwaqt li l-atturi jsostnu li kien hemm ftehim bejn missirijiethom li l-konvenuti jtellghu l-ilma bil-mithna biss filwaqt li l-konvenuti jichdu dan totalment. L-attur Saviour Scerri xehed li huma minn dejjem kellhom il-permess biex ikunu jistghu jtellghu l-ilma bil-mutur. Irrizulta li z-zewg partijiet kienu jtellghu l-ilma bil-mithna tar-rih. Sussegwentement bdew jaghmlu uzu mill-pompa. L-atturi jsostnu li minhabba li l-ghelieqi tal-konvenuti huma aktar fl-gholi minn taghhom meta jtellghu l-ilma bil-pompa ftit jifdal

ghalihom. B’hekk qed jippretendu li l-konvenuti ghandhom jimxu skond il-ftehim kif imbaghad emendat jew irrangat skond il-permess moghti mill-*Water Board.*

Illi ghalkemm il-versjonijiet moghtija mill-partijiet huma ferm opposti u m’hemm xejn bil-miktub, din il-Qorti xorta wahda waslet ghall-konkluzjoni li tara li l-verzjoni tal-atturi hija aktar kredibbli minn dik tal-konvenuti w fil-fatt hija aktar verosimili. Infatti prova ta’ dan huwa d-dokument esebit minnhom stess (a fol.6 tal-process) li hija l-ittra mibghuta lil Pawlu Xerri mis-segretarju tal-*Water Board* fl-1989. F’din l-ittra giet komunikata d-decizjoni li ha l-istess Bord li s-Sur S. Farrugia jista’ juza’ l-mithna f’Tal-Wata, Dingli s-sena kollha filwaqt li l-pompa tista’ tintuza biss bejn il-15 ta’ Jannar u l-15 ta’ Marzu. “*Dan l-arrangament ihassar kull iehor li sar qabel”.* Illi dan jindika b’mod mill-aktar car li bla dubju, ftehim kien jezisti qabel din l-ittra tant li mbaghad il-bord spicca biex emenda dan l-istess ftehim.

Illi din il-motivazzjoni twassal ghal zewgt konkluzjonijiet u cjoe’ li fl-ewwel lok kien jezisti ftehim bejn l-antenati tal-partijiet, li wasal ukoll ghand il-partijiet fil-kawza odjerna, dwar l-uzu tal-istess ilma u dan fis-sens kif allegat u fl-ahharnett ppruvat mill-atturi, kif ukoll li dan il-ftehim, minhabba l-uzu tal-pompa *da parte* tal-istess konvenuti, gie emendat fis-sens kif indikat fl-ittra tal-*Water Board* datata 29 ta’ Novembru 1989 a fol. 24 tal-process, li giet accettata anke mill-atturi, li min naha taghhom qaghdu ghal tali decizjoni tant li fl-istess premessi u talbiet tac-citazzjoni attrici qed jikkoncedu li l-pompa tintuza mill-atturi bejn il-15 ta’ Jannar u 15 ta’ Marzu ta’ kull sena, pero’ ovvjament mhux izjed minn hekk. Dan apparti li gie sostanzjalment ppruvat li l-atturi wkoll qed jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq id-dritt li jikkoltivaw l-art taghhom billi wkoll ikollhom ilma sufficjenti biex jaghmlu dan.

Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda *stante* li rrizulta li l-atturi ghandhom interess guridiku biex jipproponu l-kawza odjerna *stante* li taffetwa direttament id-drittijiet taghhom ghall-uzu tal-istess art u l-koltivazzjoni

taghhom li ilhom jaghmlu ghal diversi snin, anke *tramite* l-awturi taghhom.

**(D) <u>IT-TIENI ECCEZZJONI.</u>**

Illi l-konvenuti eccepew ukoll illi fi kwalunkwe kaz huma l-*Water Services Corporation* li jistghu jmexxu l-azzjoni jekk jirrizulta ksur ta' permess. Illi bla ebda dubju il-*Water Services Corporation* ghandhom kull dritt li jmexxu azzjoni kontra l-konvenuti jekk jirrizulta ksur ta' permess. Illi madankollu dan ma jeskludix id-dritt ta' l-istess atturi li jipprocedu kontra l-istess konvenuti ladarba qed isostnu li bl-agir taghhom qed jikkagunawlhom danni. L-azzjoni odjerna mhix ibbazata biss fuq ksur ta' permess – ghalkemm dan jilghab ukoll parti fl-istorja – imma hija bbazata fuq ksur ta' ftehim li sussegwentement gie emendat b'kundizzjoni mposta mill-*Water Board* u li tali ksur ta' ftehim qed allegatament jirreka danni lill-atturi *stante* li mhux qed jaslilhom ilma sufficjenti ghall-eghlieqi taghhom.

**(E) <u>IT-TIELET, IR-RABA', IL-HAMES U S-SITT ECCEZZJONIJIET.</u>**

Illi l-konvenuti eccepew fil-mertu illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda *stante* li mhux minnu li kien hemm xi ftehim bejn l-antenati tal-partijiet li l-ilma ghandu jittella' bil-mithna tar-rih biss.

Illi din il-Qorti diga' kellha l-opportunita' tikkummenta fuq dan u fil-fatt ikkonkludiet li originarjament kien hemm ftehim izda mbaghad wara li l-konvenuti bdew juzaw il-pompi b'dannu ghall-atturi, liema uzu ma kienx kkontemplat fil-ftehim originali, tali dritt tal-konvenuti sabiex itellghu l-ilma gie estiz ukoll *tramite* l-utilizzazzjoni tal-imsemmija pompi b'decizjoni tal-*Water Board* b'dan pero' li l-konvenuti setghu juzaw il-mithna tar-rih dejjem, izda setghu juzaw il-pompa biss bejn il-15 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu ta' kull sena u hawn issir riferenza ghall-istess decizjoni tad-29 ta' Frar 1989. Ma jidhirx li l-konvenuti b'xi mod ikkontestaw din id-decizjoni, li fuq kollox estendiet id-dritt tal-konvenuti li jiehdu l-ilma mhux

biss bil-mithna izda wkoll bil-pompa pero' biss u limitatament ghall-perjodu hemm imsemmi. Illi fuq dan il-konvenuti ma qalu xejn, pero' certament li dan ma jfissirx li tali decizjoni ghandha tigi njorata, anzi l-fatt tal-ezistenza taghha tikkonferma t-tezi attrici u ma taghtix kredibilita' l-verzjoni tal-konvenuti, ghaliex dawn illimitaw ruhhom sabiex jinnegaw l-ezistenza tal-istess jew ghax agixxew qiesu din id-decizjoni ma kienetx torbot lilhom; dan huwa fatali ghall-verzjoni tal-konvenuti anke peress li l-permess mill-awtoritajiet sabiex itellghu l-istess ilma huwa certament regolat ukoll bl-istess decizjoni.

Illi *inoltre* l-konvenuti eccepew illi kulhadd ghandu pompa u kulhadd juzaha, izda tali sottomissjoni ma hijiex legalment sostenibbli, peress li tali allegazjoni qatt ma tista' tvarja ftehim li kien jezisti jew il-kondizzjonijiet tal-permessi ezistenti. Dan ukoll mhux argument validu ghax ladarba kien hemm ftehim bejn il-partijiet dan ma jistghax jinkiser sempliciment ghax kulhadd allegatament ikun qed jaghmel hekk. Lanqas ireggi l-argument li l-mithna tar-rih taghhom qeghda fi stat dizastruz ghax din dejjem tista' titranga jew tigi sostitwita.

Illi l-konvenuti qed jippretendu illi peress li huma jahdmu r-raba' in kwistjoni *"full-time"* mentri l-atturi jahdmuha *"part-time"* biss jista' jaghti l-lok li l-istess atturi m'ghandhomx bzonn wisq ilma. Pero' lanqas dan l-argument ma ghandu ebda fondament legali ghax id-dritt li l-partijiet ikollhom ilma ghall-ghelieqi huwa tat-tnejn irrilevanti jekk jahdmux ir-raba' *"full-time"* jew *"part-time"*. *Inoltre* mix-xhieda prodotta rrizulta li l-konvenuti uzaw il-pompa anki mhux fil-perjodu permess lilhom.

Illi fl-ahharnett il-konvenuti eccepew illi dak li qed ighidu l-atturi fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom mhuwiex minnu u din l-eccezzjoni ghandha wkoll tigi michuda in vista tal-motivazzjonijiet fuq indikati.

Illi ma hemmx dubju ghalhekk li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha, fil-waqt li konsegwentement it-tieni talba ghandha tigi milqugha, *stante* li l-konvenuti ghandhom jinzammu responsabbli ghall-agir abbuziv

taghhom *verso* l-atturi, u ghad-danni li setghu kkawzaw minhabba dan l-agir taghhom, liema likwidazzjoni ta' danni ma huwiex il-mertu ta' din il-kawza, kif l-istess atturi rriservaw li jaghmlu b'gudizzju separat.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lill-konvenuti biex jiddezistu milli jippumpjaw ilma hlief bil-mithna tar-rih u dan *ad eccezzjoni* tal-perjodu bejn il-15 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu.

(2) Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli *verso* l-atturi tad-danni kawzati lill-istess atturi bit-tlugh abbuziv tal-ilma minnhom maghmul bil-pompa fil-perjodu *oltre* dak indikat fl-ewwel talba ta' bejn il-15 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**1 ta' Ottubru 2002.**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**1 ta' Ottubru 2002.**